MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2015

Numru. 6/2005

**Il-Pulizija**

**(Assistent Kummissarju Norbert Ciappara)**

**vs**

**Mario Buhagiar**

**(ID 378168(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Buhagiar detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 378168(M):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Jannar 2005 u matul l-ahhar gimgha qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) Ukoll talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkaguna l-mewt ta' Joseph Raymond Christi ta' 36 sena, imwieled Ghawdex fl-14 ta' Gunju 1968 u detentur tal-karta tal-identita` 34368(G);

c) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi

Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magt. Dr. L. Quintano) fit-8 ta' Gunju 2004;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-kunsens tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 370(4) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tieghu ai termini tal-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja (b'referenza ghall-imputazzjoni (b)), kif ukoll illi m'huwiex hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu;

Rat ukoll illi fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-13 ta' Jannar 2005, instab mejjet certu Joseph Raymond Christie, gewwa r-residenza tieghu, f'cirkostanzi li kienu jindikaw li l-mewt tieghu kien relatat mat-tehid ta' droga. Fir-residenza tieghu, instabu diversi oggetti relatati mal-abbuz tad-droga fosthom siringi godda fuq il-mejda, borza tas-siringi vojta, tlett partijiet ta' siringa misjuba fl-art u go fliskatur, labra u bicca *plastic* misjuba fl-art hdejn il-mejda, lastiku misjuba taht is-sufan, *tissue* b'ticpis hamrani misjuba fuq il-mejda, bicca karta bajda bir-rigi, mehudha minn pitazz, fuq il-mejda u mgharfa b'ticpis fuqha, li kienet mahruqa u li wkoll kienet tinsab fuq il-mejda[1]. Christie instab mal-art hdejn il-mejda, fuq siggu, li jidher li arbula bih b'kollox. Mill-*mobile* tieghu, irrizulta li fil-jum ta' qabel ossia fit-12 ta' Jannar 2005, il-mejjet kien ghamel kuntatt telefoniku ma' certu Hassu, li sussegwentement irrizulta li kien l-imputat.[2] Dakinhar stess tat-13 ta' Jannar 2005, ghall-habta tas-6.30 p.m. jew is-7.30 p.m., saret tfittxija fir-residenza tal-imputat, minn fejn gie elevat qartas tal-karti maghmul minn karta ta' pitazz, bi tracci kannella, li kien jinsab fuq il-bank tal-kcina u *mobile phone* tal-marka Samsung.[3]

Jirrizulta mix-xhieda migbura mill-espert legali, Dr. Lara Lanfranco, fil-mori tal-inkjesta li saret dwar dan il-kaz[4], specifikatament dik ta' Margaret Quintano[5], legalment oht Christie, illi l-ahhar darba li din kienet ratu kien fil-jum ta' qabel ossia fit-12 ta' Jannar 2005 ghall-habta tas-6.30 p.m. u li damet mieghu madwar siegha. Hija qalet li ghalkemm kien f'siktu, kien jidher li kien ha sustanzi tad-droga. Qalet ukoll li kien jidher daqsxejn *depressed*, allavolja ma kienx aggressive u li kien ilu madwar ghoxrin sena jabbuza mid-droga. Ix-xhud qalet ukoll illi x'aktarx bejn il-hin li telqet mir-residenza tal-mejjet u l-hin li fih sabitu mejjet, huwa kien hareg ghaliex filghodu (meta sabitu mejjet) ma kienx liebes l-istess hwejjeg li kien liebes meta ratu l-ahhar. Ghall-habta tal-11.15

[1] L-oggetti kollha li gew elevati mir-residenza ta' Christie jinsabu deskritti u elenkati fir-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PS 602 Jonathan Attard, a fol. 112 *et seq* tal-process.
[2] Ara xhieda tal-Assistent Kummissarju, dak iz-zmien, Spettur, Norbert Ciappara (a fol. 30 *et seq* tal-process), kif ukoll ir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, a fol. 66 *et seq* tal-process.
[3] Xhieda tal-Assisent Kummissarju Norbert Ciappara (a fol. 30 *et seq* tal-process), xhieda ta' PS 1086 Johann Micallef (a fol. 39 *et seq* tal-process) u xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 167 *et seq* tal-process).
[4] Il-process verbal dwar din l-inkjesta jinsab esebit a fol. 59 tal-process.
[5] A fol. 14 *et seq* tal-process verbal.

a.m. tat-13 ta’ Jannar 2005, hija marret gewwa r-residenza tieghu u sabitu mejjet, wara li dakinhar stess ippruvat iccempillu kemm il-darba, izda huwa baqa’ ma wegibhiex.

Mir-relazzjoni tat-tabib forensiku Dr. Mario Scerri[6], jirrizulta illi l-istess tabib forensiku wasal fuq il-post ossia fir-residenza tal-mejjet, f’12.15 p.m., fejn mal-art fil-kcina/*living room combined*, fuq in-naha tax-xellug kif wiehed ihares minn faccata, kien hemm kadavru fuq il-genb laterali tal-lemin tieghu. Il-kadavru kellu wiccu lejn il-hajt u dahru vicin il-mejda, fuq liema mejda kien hemm oggetti relatati mat-tehid tad-droga.[7] Fuq l-estremitajiet superjuri tal-kadavru kien hemm diversi punturi ricenti, fuq it-*thenar* u l-*hypothenar eminences* tal-pala tal-id il-leminija kien hemm xi taqtir u ticpis tad-demm u kien hemm punturi friski fuq il-*cubital fossa* tal-id ix-xellugija. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi kif it-tabib forensiku caqlaq il-kadavru, instabet siringa mal-art minghajr labra u minghajr *splanger*. *Splanger* ta’ siringa instab fil-qiegh ta’ fliskatur li kien qieghed fuq in-naha tax-xellug tal-kadavru. Kien hemm ukoll tokka ta’ siringa bejn *clothes horse* li kien jinsab quddiem il-kadavru (fuq in-naha fejn kienet rasu) u s-sieq ta’ wara tan-naha tax-xellug tal-mejda[8]. Kien hemm lastiku taht is-sufan, fuq in-naha tal-lemin tal-kadavru. Mal-art hdejn siggu, kien hemm labra miksura ta’ siringa. Skond l-istess espert, “*mill-evidenza ta’ rigor mortis li kien prezenti fuq il-muskoli zghar tal-wicc u fuq dawk tas-swaba ta’ l-idejn, u tal-hypostasis li ma kienx fiss, l-esponent hu ta’ l-opinjoni illi Joseph Raymond Christie kien ilu mejjet madwar 3 sighat mill-hin ta’ l-ezami medikolegali*”.[9] Dan ifisser ghalhekk illi skond l-istess espert, Christie miet ghall-habta tad-9.15 a.m. tat-13 ta’ Jannar 2005. It-tabib forensiku kkonkluda wkoll illi “*kollox jindika li l-mewta ta’ Joseph Raymond Christie kienet relatata mat-tehid tad-droga*”.[10]

---

[6] Esebita a fol. 21 *et seq* tal-process verbal, esebit a fol. 59 tal-process.
[7] Ara ritratti a fol. 25 *et seq* tar-relazzjoni, kif ukoll ir-ritratti a fol. 105 tal-process, mehudha mis-*Scene of the Crime Photographer* PS 964 Robert Scicluna.
[8] Ara ritratt 05 ADV 103 esebit a fol. 105 tal-process u ritratt 27, a fol. 58 tar-process verbal.
[9] A fol. 66 tal-process verbal.
[10] A fol. 67 tal-process verbal.

Mir-relazzjoni tal-espert tossikologu, Dr. Michael Sammut[11], mahtur bhala espert fl-istadju tal-inkjesta sabiex jaghmel ezamijiet tossikologi fuq kampjuni mill-awtopsja ta' Christie, jirrizulta illi kien hemm is-segwenti sustanzi misjuba fil-*body fluids* tal-mejjet u cioe` *Morphine*, *6-MAM*, *Codeine* u *Benzoylecognine* (deskritta bhala *cocaine metabolite*). Skond l-istess relazzjoni:

*"Morphine is the main metabolite of Heroin but may also originate from Codeine. However, 6-Monoacetyl Morphine (6-MAM) is the intermediate metabolite between Heroin and Morphine and its presence in body fluid confirms recent use (approx. 12 to 24 hours) of Heroin.*

*Codeine is a common opiate analgesic found in over-the counter medications but may at times be found as a comtaminant of Heroin.*

*Benzoylecognine is the main metabolite of Cocaine.*

*… autopsy findings of pulmonary congestion and edema together with evidence of recent use of Heroin is an indication that death occurred as a result of drug use. It should be noted that cocaine could produce sudden cardiovascular collapse thus further increasing the effect of Heroin."*[12]

Fix-xhieda tieghu[13], l-istess espert spjega illi kien hemm tahlita ta' eroina u kokaina, kemm fid-demm, kif ukoll fl-urina tal-mejjet. Qal ukoll illi ghalkemm huwa ma setax jghid jekk il-mewta kinitx ikkawzatha minn dawn is-sustanzi, biss meta wiehed jikkunsidra r-rizultanzi tal-awtopsja u cioe` li kien hemm *pulmonary congestion u edema*, u fl-assenza ta' kawzi ohrajn, meta wiehed isib dawn is-sustanzi, allura *"jista' jkun li l-cause of death hija due to intake ta'*

[11] Esebita a fol. 99 *et seq* tal-process.
[12] A fol. 200 tal-process.
[13] A fol. 96 *et seq* tal-process.

*dawn id-drugs*".[14] Huwa kkonferma li kien hemm abbuz tal-eroina ftit qabel il-mewt u dan seta' jghidu ghaliex kien hemm tracci ta' *6-MAM* fid-demm. L-istess xhud spjega illi dan il-*metabolyte* jitlaq pjuttost malajr mid-demm – fi zmien siegha jew saghtejn - fil-waqt illi mill-urina, jitlaq fi zmien bejn tnax-il siegha u erbgha u ghoxrin siegha. Skond l-istess espert, la darba kien hemm il-presenza ta' dan il-*metabolyte* kemm fid-demm, kif ukoll fl-urina, dan ifisser illi l-eroina ttiehdet madwar tnax-il siegha qabel. Fil-kaz tal-kokaina, ma setax jghid kemm din ittiehdet qabel mill-*metabolyte*, anke ghaliex din is-sustanza tinbidel mill-ewwel f'*metabolyte*, izda skond hu, kien hemm tahlita taz-zewg sustanzi.

Fix-xhieda tieghu, l-Ispettur (illum Assistent Kummissarju) Norbert Ciappara[15] xehed illi nhar it-13 ta' Jannar 2005, fil-ghaxija, huwa tkellem mal-imputat.

Issa huwa ben ovvju illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet fiz-zmien meta l-istess imputat ma kellux id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni tieghu, liema dritt dahal fis-sehh fl-10 ta' Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Ghalkemm id-difiza, fl-ebda stadju ma talbet l-isfilz ta' din l-istqarrija jew illi l-Qorti tiskarta dak li seta' qal l-imputat lill-Ufficjal Investigatur, din il-Qorti, in linea mal-izviluppi Kostituzzjonali, ossia tenut kont tal-eta' tal-imputat meta huwa gie interrogat u ttiehdet l-istqarrija tieghu u l-fedina penali tieghu li kienet diga` tinkludi diversi sentenzi ta' prigunerija effettiva dak iz-zmien, tqis l-istess stqarrija u dak kollu li l-imputat qal lill-Ufficjal Investigatur bhala ammissibbli.

Jirrizulta mix-xhieda tal-Ispettur Norbert Ciappara, illi l-imputat beda jistaqsih ghaliex kien arrestah u l-istess imputat beda jghidlu "*imma inti taf li jien ma nbieghx droga*."[16] L-istess Spettur Ciappara staqsa lill-imputat dwar il-qartas li nstab fil-pussess tieghu u l-imputat wiegeb li dak kien tieghu, ghall-uzu personali tieghu. L-ghada meta rega' beda jkellem lill-imputat, dan rega' b'insistenza beda jistaqsih jekk kienx jaf jekk hu jbieghx droga ghax skond hu, l-

[14] A fol. 97 tal-process.
[15] A fol. 30 *et seq* tal-process.
[16] A fol. 31 tal-process.

Ispettur ikun jaf jekk hu kienx ibiegh droga jew le. Filghaxija, meta staqsa lill-imputat jekk kienx jaf lil certu Joseph Christie, l-imputat qallu li ma kienx jafu u l-ghada huwa wrieh ritratt ta' Christie, f'liema stadju, l-imputat wiegbu li kien jafu xi hames snin qabel. Meta staqsieh jekk kienx iltaqa' mieghu ricentement, anke jumejn qabel, l-imputat wiegeb li kien rah hdejn id-*Detox* u meta baqa' jinsisti mieghu jekk kienx kellmu, qallu li kien kellmu ghaliex wiehed maghruf bhala l-Lalu (certu Brian Mallia) kien hadlu (lil Christie) xi Lm20 u Christie kien talbu sabiex jigborlu dawn il-flus minghand il-Lalu. L-Ispettur Ciappara xehed illi l-imputat baqa' jaghmel id-domandi lix-xhud, billi jistaqsih jekk kienx jaf li mhux qed ibiegh, ghaliex kieku l-Ispettur kien ikun jaf li qed ibiegh id-droga. L-imputat qallu li ma kienx qed ibiegh droga u l-Ispettur ssuggerielu illi Joseph Christie kien qed jghid li gab id-droga minghandu. *"Qabez hu, qalli hu qed jghid li bghettlu d-droga? Ghidtlu le, mhux qed nghidlek li qalli li bghettlu d-droga, ghidtlu qed jghid li gab id-droga minghandek. Ccalingjajtu li l-qartas li sibna ghandu kien simili ghall-qartas li konna sibna ghand Christie u hu baqa' ccassat ihares lejja*"[17]. Sussegwentement, staqsa lill-imputat jekk lil Christie huwa kienx tah pakkett biex ifieq, ghal-liema l-imputat wiegeb fl-affermattiv u spjega li gimgha qabel, Joseph kien ta pakkett lilu biex ifieq hu (l-imputat) u li dakinhar, ossia jumejn qabel ittiehdet l-istqarrija, l-imputat kien tah pakkett biex ifieq hu (Christie).

L-istqarrija tal-imputat iggib id-data tal-14 ta' Jannar 2004.[18] Jidher madankollu mix-xhieda kemm tal-istess Spettur Ciappara, kif ukoll tal-Ufficjali tal-Pulizija li ghamlu tfittxija fir-residenza tal-imputat izjed tard fl-istess jum li nstab mejjet Christie fir-residenza tieghu, illi din l-istqarrija giet rilaxxjata mill-imputat fl-14 ta' Jannar 2005 u li ghalhekk l-indikazzjoni tas-sena bhala 2004, m'hijiex ghajr zball. Anke mill-kontenut tal-istess stqarrija, il-Qorti m'ghandhiex dubju illi fil-fatt din inghatat fl-14 ta' Jannar 2005 u mhux fl-14 ta' Jannar 2004. Fl-istess stqarrija, rilaxxjata minnu wara li nghata s-solita twissija li ma kienx obbligat li jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bi prova, l-imputat qal illi huwa kellu *mobile phone* tal-marka Samsung u li n-numru tieghu kien dak indikat fil-*mobile* tieghu stess taht 'il-hassu'. Mistoqsi dwar il-qartas tal-karti suspettat li kien bl-

[17] A fol. 32 u 33 tal-process.
[18] A fol. 35 *et seq* tal-process.

eroina, li nstab gewwa r-residenza tieghu, l-imputat wiegeb li dan kien tieghu, ghall-uzu personali tieghu u li kien juza l-eroina bil-labra. Mistoqsi fi x'hin kien uza l-eroina fil-jum ta' qabel, huwa wiegeb *"forsi xi l-erbgha"*.[19] Qal illi lil Christie kien jafu, izda sussegwentement spjega illi *"mhux as such nafu izda gieli ltqajt mieghu"*[20]. Mistoqsi meta kien iltaqa' mieghu l-ahhar, huwa qal illi l-gimgha ta' qabel kien rah u Christie tah ftit eroina biex ifieq. *"Il-bierah jew il-birhatlulla kien ma jiflahx hu, u jiena taghjtu ftit eroina min tieghi biex ifieq hu, mistoqsi jekk hadtlux flus taghha nghid illi le"*.[21] L-eroina li tah Joseph kienet f'kantuniera ta' borza, mentri l-eroina li huwa kien ta lil Joseph kienet go karta ta' pitazz. Ghad-domanda *"Jekk nghidlek li l-karta tal pitaz li sibt lilek hi bhal dik li sibt ghand Joseph Christi xi tghid?"*, l-imputat wiegeb fl-affermattiv. Qal li ma kienx hu li ghamel il-qartas u li huwa kien xtara zewg pakketti. Mistoqsi fejn kien meta ltaqa' ma' Christie u tah wiehed mill-pakketti tal-eroina li kellu, huwa wiegeb li kienu l-Hamrun, fit-triq principali. L-imputat cahad li huwa jbiegh l-eroina. Dwar il-kwistjoni ta' Joseph mal-Lalu, l-imputat qal illi Joseph kien ta l-flus lil Brian il-Lalu u Brian telaqlu bihom. Meta gie ssuggerit lilu illi qabel ma ltaqghu, Joseph beda jcempillu fuq il-*mobile* tieghu, l-imputat wiegeb illi mhux qabel beda jcempel, izda wara, u li mhux hu beda jkellmu, izda Brian il-Lalu, u li l-Lalu beda jghidlu biex jistennih u li kien sejjer, izda ma marx. Qal li ma kienx jaf ta' x'hiex Joseph kien ta Lm20 lil Brian. L-imputat qal ukoll illi lil Joseph huwa kien rah darbtejn biss u cioe` meta Joseph ta d-droga lilu u meta hu ta d-droga lil Joseph, jumejn qabel. Minn meta cempillu fuq il-*mobile*, ma regax sema' minghand Christie.

Fix-xhieda tieghu[22], Brian Mallia qal illi nhar is-Sibt (zewg Sibtijiet qabel id-deposizzjoni tieghu tas-26 ta' Jannar 2005) hu u Mario, l-imputat, iltaqghu l-Belt, kellmu l-imputat, u ghabba lilu u lil Bobina (il-mejjet) fil-karozza tieghu. Qal illi l-Bobina ried jixtri xi kokaina, li huma ma kienu ser jixtrulu xejn u li kienu biss ser jehdulu Lm20 ossia Lm10 kull wiehed, ghax kienu *broke*. Skond ix-xhud, la kienu ser ibieghulu droga u lanqas kienu ser igibulu xi droga. Nizzluh il-Furjana fejn l-Iljun biex imur igib il-labar, taparsi kienu ser jiehdu d-droga flimkien, u x-xhud wassal lill-imputat id-dar. Ix-xhud qal illi wara l-Bobina beda jcempel fuq it-telefon tal-imputat, irrisponda hu u beda jghidlu li kienu sejrin,

[19] A fol. 36 tal-process.
[20] A fol. 36 tal-process.
[21] A fol. 36 tal-process.
[22] A fol. 42 *et seq* tal-process.

izda ma kinux ser imorru ghax la kienu ser jixtrulu droga u lanqas kienu ser ibieghulu droga. Mistoqsi jekk dan l-incident sehhx nhar ta' Tlieta, ix-xhud wiegeb li kien is-Sibt u kien *weekend* zgur u li dan kien gara mhux is-Sibt ta' qabel, izda ta' qablu. Skond hu, il-Bobina lanqas dam kwarta maghhom. Qal ukoll illi wara beda jircievi telefonati minghand il-Bobina, fuq il-*mobile* tal-imputat, u beda jghidlu biex jaghtih il-flus lura. Kien hu li rrisponda dawn it-telefonati. In kontro-ezami, fis-16 ta' Dicembru 2013, l-istess xhud qal illi fil-jum in kwistjoni, l-imputat u hu kienu *sick* u ddecidew li jehdulu l-flus – l-ammont ma kienx jiftakru ezatt – parti mil-liema flus gew mizmuma mill-imputat sabiex jixtri xi hrieqi u xi affarijiet ghat-tfal. Qal illi bil-flus li hadu lill-Bobina, l-imputat u hu nqdew ghad-droga u bil-bqija, l-imputat kien xtara xi oggetti bhal hrieqi ghat-tfal. Sussegwentement, ix-xhud rega' kkonferma x-xhieda li huwa kien ta fis-26 ta' Jannar 2005.

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[23], jirrizulta *inter alia* illi l-istess espert analizza bicca karta rettangulari b'linji grizi skuri b'ticpis kannella fuqha (moghtija l-kodici tal-laboratorju 160/05/02) u mgharfa tal-metall bil-qiegh imgemmed u li fuqha kien hemm ticpis kannella (moghtija l-kodici 160/05/03), siringa zarmata (moghija l-kodici tal-laboratorju 160/05/04) – lkoll misjuba fir-residenza ta' Christie – u bicca karta rettangolari b'linji grizi cari b'ticpis kannella fuqha (moghtija l-kodici 160/05/09), misjuba fir-residenza tal-imputat. Skond l-istess relazzjoni, ma nstabux sustanzi illegali fis-siringa li kien hemm fid-dokument 160/05/04 u nstabu tracci tas-sustanza eroina fuq il-bicca karta rettangolari fid-dokument 160/05/02, fl-imgharfa u fil-bicca karta rettangolari li kien hemm fid-dokument 160/05/09. Mill-istess relazzjoni, jirrizulta wkoll illi kien hemm tmintax-il pillola Seroxat, li jintuzaw f'kaz ta' *depressive illness*, tnax-il pillola orangjo *Risperidone*, li jintuzaw f'kaz ta' *disorganized or psychotic thinking* u tmienja u tletin pillola *Stelazine (Trifluoperazine*) li jintuzaw bhala trankwillizzanti. Dawn il-pilloli m'humiex ikkontrollati bil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

[23] A fol. 119 *et seq* tal-process.

Illi fl-ewwel lok jirrizulta car illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik ta' pussess illegali ta' droga eroina, tirrizulta sodisfacentement ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi. Kif inghad izjed 'il fuq, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fl-14 ta' Jannar 2005, l-imputat ammetta illi fil-jum ta' qabel ossia fit-13 ta' Jannar 2005, huwa kien ghamel uzu mill-eroina ghall-habta tal-4.00 p.m. u li l-qartas tal-karti li nstab fir-residenza tieghu nhar it-13 ta' Jannar 2005 kien ghall-uzu personali tieghu. Mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud, jirrizulta illi dan il-qartas tal-karti kien jikkontjeni tracci tal-eroina. In oltre, l-istess imputat ammetta wkoll li fil-gimgha ta' qabel, huwa kien inghata ftit eroina minghand Christie sabiex ifieq u li jumejn qabel, cioe` fit-12 ta' Jannar 2005, huwa kien ta d-droga eroina lil Christie. Jirrizulta car ghalhekk illi l-imputat kien fil-pussess tad-droga eroina fit-13 ta' Jannar 2005 u matul l-ahhar gimgha ta' qabel din id-data, fil-parametri tac-*charge sheet* odjerna u ghaldaqstant qed jinstab hati tat-tielet imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, ossia dik ta' traffikar ta' droga eroina, fl-istess stqarrija tieghu, kif inghad, l-imputat ammetta illi fil-jum ta' qabel jew ta' qablu (wara jghid, jumejn ilu, jigifieri fit-12 ta' Jannar 2005), huwa ta ftit eroina lil Christie minn tieghu biex ifieq, li kien tah l-eroina go karta ta' pitazz (qartas) u li kien tah dan il-qartas gewwa l-Hamrun, fit-triq principali. L-imputat jghid ukoll illi ta' dan il-qartas, huwa ma kienx hadlu flus.

L-Artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"*Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza ghal traffikar f'medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-*

*atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.*" [sottolinear mizjud]

Ai termini tal-artikolu citat il-provvista (*supply* fit-test Ingliz) tal-eroina tammonta ghal traffikar ta' droga u huwa mmaterjali jekk din il-provvista ma ssirx ghall-flus jew korrispettiv iehor (f'dan is-sens ara wkoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marvin Cachia** datata 26 ta' Awwissu 1998). Bil-fatt illi l-imputat provda jew prokura d-droga eroina lil Christie, huwa rrenda ruhu hati ta' traffikar ta' droga eroina u ghaldaqstant il-Qorti tqis l-ewwel imputazzjoni bhala pruvata lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli.

Il-Qorti ser tghaddi issa biex tezamina t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat ossia dik ta' omicidju involontarju ta' Joseph Christie.

Stabbilit illi l-imputat kien prokura d-droga eroina lil Christie, jehtieg illi tigi ezaminata l-kawza tal-mewt tal-istess Christie u jekk l-istess imputat kienx bl-azzjoni tieghu, involontarjament ikkaguna l-mewt ta' Christie – fi kliem iehor, jekk Christie mietx bhala konsegwenza tad-droga eroina prokurata lilu mill-imputat.

Certament u minghajr dubju, mill-fatti prodotti jirrizulta illi l-imputat tilef hajtu meta abbuza mid-droga eroina nhar it-13 ta' Jannar 2005 u li dan sehh ghall-habta tad-9.15 a.m. Ghalkemm ma giex ipprezentat rapport li juri r-rizultati tal-awtopsja fuq il-mejjet u konsegwentement il-kawza tal-mewt tieghu, biss ir-relazzjoni ta' Dr. Michael Sammut, l-espert tossikologu, tirreferi ghal "*autopsy findings of pulmonary congestion and edema*", apparti illi mill-istess relazzjoni jirrizulta wkoll illi dan, flimkien ma' prova ta' uzu ricenti ta' eroina "*is an indication that death occurred as a result of drug use*".[24] Kif jidher ukoll mill-istess relazzjoni, fil-fluwidi ta' gisem il-mejjet, instabet il-morfina (deskritta

[24] A fol. 200 tal-process.

bhala "*the main metabolite of Heroin*") u li għalkemm din tista' toriġina wkoll mill-*Codeine*, li tinstab ukoll f'mediċini oħrajn, biss l-istess *Codeine* tinstab ukoll bħala *contaminant* tal-eroina. Dan apparti illi fil-fluwidi tal-mejjet instabet ukoll is-sustanza *6-Monoacetyl Morphine* li hija *metabolite* intermedjarju bejn l-eroina u l-morfina u l-preżenza tagħha tindika użu riċenti ta' eroina. Jerġa' stante illi nstabu wkoll tracċi ta' *6-Monoacetyl Morphine* anke fid-demm, kif spjega l-istess espert, dan huwa indikattiv tal-fatt illi l-użu tal-eroina kien wieħed riċenti qabel il-mewt.

In oltre, jirriżulta mingħajr ebda dubju illi Christie kien qiegħed jabbuża mill-eroina ftit qabel miet. Il-fatt illi Christie instab mal-art bis-siggu b'kollox, ħdejn il-mejda tar-residenza tiegħu, fuq liema mejda, kif ukoll mal-art, taħtu u viċin tiegħu, kien hemm oġġetti relatati mal-abbuż tad-droga eroina, bħal qartas bi tracċi tal-eroina, mgħarrfa mgemmda bi tracċi tal-eroina, *lighter,* borża vojta ta' siringa, labra ta' siringa, siringa mingħajr labra u l-*isplunger*, tokka ta' siringa, lasktu u *tissue* imcappsa bid-demm, apparti l-punturi friski f'dirgħajn il-mejjet, ma jħallu l-ebda dubju f'moħħ il-Qorti illi dak li wassal għall-mewt ta' Christie kien proprju t-teħid tad-droga eroina ftit mumenti qabel il-mewt tiegħu. Veru wkoll illi skond l-espert tossikologu, kien hemm anke s-sustanza *Benzoylecognine* ossia l-*metabolite* tal-kokaina fil-fluwidi tal-mejjet u għalhekk huwa spjega, fix-xhieda tiegħu, illi kien hemm taħlita tad-droga eroina u tal-kokaina, kemm fid-demm, kif ukoll fl-urina ta' Christie. Madankollu, għalkemm ċertament dan ifisser illi l-mejjet kien f'xi ħin għamel użu wkoll mill-kokaina, biss m'hemm xejn x'jindika mill-oġġetti misjuba ġewwa r-residenza tiegħu, illi l-mejjet kien għadu kemm abbuża mid-droga kokaina fil-mumenti ta' qabel mewtu – la nstabu tracċi ta' kokaina u lanqas sustanzi oħrajn li jintużaw fl-abbuż ta' din id-droga. Għaldaqstant, il-Qorti hija moralment konvinta illi l-mewta ta' Christie kienet ikkawżata mit-teħid tad-droga eroina.

Jonqos biss għalhekk illi jiġi stabbilit jekk l-eroina li qatlet lil Christie, kinitx l-eroina li kien prokuralu l-imputat. Jirriżulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, illi l-istess imputat kien ta d-droga eroina lil Christie sabiex, skond hu, dan tal-aħħar ifieq. Għall-ewwel l-imputat jgħid illi huwa kien ta l-eroina lil

Christie "*il-bierah jew il birhatlulla*", izda sussegwentement fl-istess stqarrija, mistoqsi meta kienu d-darbtejn li ra lil Christie, huwa jghid li tah id-droga jumejn qabel. Ifisser ghalhekk illi l-imputat ghadda d-droga eroina lil Christie nhar it-12 ta' Jannar 2005, la darba l-istqarrija tieghu ttiehdet fl-14 ta' Jannar 2005. Ghalkemm l-imputat jghid ukoll illi huwa ghadda l-eroina lil Christie gewwa t-triq principali, il-Hamrun, fl-ebda mument ma gie mistoqsi fi x'hin huwa kien ghaddielu din id-droga. Biss meta gie ssuggerit lill-imputat illi Christie cempillu fuq il-*mobile phone* qabel ma ltaqghu, l-imputat wiegeb illi "*mhux qabel beda icempel, izda wara*"[25]. Dan jindika fl-ewwel lok, illi Christie ghamel izjed minn telefonata wahda lill-imputat u fil-fatt mir-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada[26], jirrizulta illi bejn id-9.56 a.m. u l-11.02 a.m.[27], Christie cempel lill-imputat hames darbiet. Mid-dokumenti li juru l-*outgoing calls* tal-mejjet, jirrizulta illi dawn it-telefonati saru bejn id-9.59 a.m. u l-11.04 a.m.[28] Jekk huwa minnu dak li jghid l-imputat, fis-sens illi Christie u hu ltaqghu qabel ma saru dawn it-telefonati, allura jfisser illi huma ltaqghu qabel l-10.00 a.m. tat-12 ta' Jannar 2005. Li saru dawn it-telefonati u r-raguni ghaliex saru, gie sa certu punt ikkorroborat minn Brian Mallia, il-Lalu, li bhal l-imputat, qal li kien hu li beda jkellem lil Christie meta dan beda jcempel fuq il-*mobile phone* tal-imputat. Biss Mallia jghid ukoll illi dan sehh f'*weekend* u jinsisti li kien il-jum tas-Sibt – zewg Sibtijiet qabel id-deposizzjoni tieghu – ossia fil-15 ta' Jannar 2005, f'liema jum Christie diga` kien mejjet. Sehh meta sehh l-incident imsemmi minn Mallia, jekk kien minnu, l-unika prova li tista' tindika l-hin li fih iltaqghu l-imputat u Christie huwa dak li jghid l-istess imputat, kif rappurtat izjed 'il fuq. Altrimenti jekk il-Qorti taghzel li ma temminx lill-imputat f'dan, ghaliex jista' jkun per ezempju illi l-mejjet beda jcempel lill-imputat proprju sabiex jipprokuralu d-droga, il-Qorti m'ghandha l-ebda indikazzjoni tal-hin li fih iltaqghu Christie u l-imputat. Li jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, huwa li l-istess imputat prokura qartas wiehed tal-eroina lil Christie dakinhar tat-12 ta' Jannar 2005, wara li huwa kien xtara zewg pakketti ghalih.

---

[25] A fol. 37 tal-process.
[26] Ara Dokument MB; a fol. 66 *et seq* tal-process.
[27] A fol. 89 tal-process.
[28] A fol. 82 tal-process.

Issa mix-xhieda ta’ oht il-mejjet fl-atti tal-inkjesta, jirrizulta wkoll illi meta hija marret ghandu ghall-habta tas-6.30 p.m., Christie kien jidher li kien ha sustanzi tad-droga u li kien *depressed*. Naturalment, il-Qorti ma tistax tghid x’tip ta’ droga kien ha l-mejjet. Biss il-fatt illi, skond l-espert mediko-legali, Dr. Mario Scerri, Christie kien ilu mejjet madwar tlett sighat mill-hin tal-ezami mediko-legali u li ghalhekk miet ghall-habta tad-9.15 a.m. tat-13 ta’ Jannar 2005, meta l-qartas prokurat mill-imputat inghata lilu fil-jum ta’ qabel u meta fil-jum ta’ qabel, ghall-habta tas-6.30 p.m., oht il-mejjet, kienet innutat li huwa kien jidher li ha sustanzi tad-droga, iqajjem dubju f’mohh il-Qorti dwar kemm fil-fatt Christie miet bl-istess eroina prokurata lilu mill-imputat. Veru illi fuq il-mejda fir-residenza ta’ Christie instab qartas tal-karti bit-tracci tal-eroina, kif inhu veru wkoll illi l-istess imputat jghid, fl-istqarrija tieghu, illi huwa tah l-eroina f’qartas tal-karti ossia gewwa karta ta’ pitazz u illi l-karta tal-pitazz li nstabet fir-residenza tal-imputat kienet bhal dik li nstabet ghand il-mejjet, izda wara li l-Qorti rat b’ghajnejha dawn iz-zewg esebiti, ossia l-qartas tal-karti li nstab ghand l-imputat u l-qartas tal-karti misjub ghand il-mejjet, tista’ tghid minghajr ebda dubju illi dawn m’ghandhom x’jaqsmu xejn ma’ xulxin. Fil-fatt, kif jghid ukoll l-espert l-Ispizjar Mario Mifsud meta jiddeskrivi z-zewg bicciet tal-karti fir-relazzjoni tieghu, fil-waqt illi l-qartas misjub ghand l-imputat ghandu linji grizi cari, il-qartas misjub ghand Christie ghandu linji grizi skuri, u dan apparti illi l-wisa’ bejn il-linji fiz-zewgt iqratas huma differenti wkoll. In oltre d-daqs taz-zewgt iqratas huwa wkoll differenti. Dan il-fattur izjed ikompli jqajjem dubju f’mohh il-Qorti dwar kemm l-eroina li l-imputat provda lil Christie kienet fil-fatt l-istess eroina li qatlitu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sodisfacentement it-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Jonqos biss illi l-Qorti tikkunsidra l-imputazzjoni (d), ossia dik dwar il-ksur ta’ kundizzjoni imposti permezz ta’ sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano, fit-8 ta’ Gunju 2004.

Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' din is-sentenza, fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Mario Buhagiar'[29]. Jirrizulta illi n-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat f'dik is-sentenza huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern u illi permezz tal-istess sentenza, huwa kien inghata liberazzjoni kundizzjonata ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal zmien disa' xhur. La darba r-reati odjerni gew kommessi mill-imputat f'Jannar tas-sena 2005, isegwi ghalhekk illi huwa hati wkoll ta' din l-imputazzjoni.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Illi ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet wahda refrattarja u kienet tinkludi diversi kundanni dwar serq aggravat, tentattiv ta' serq aggravat u hsara volontarja, ksur tar-regolamenti tat-traffiku u pussess illegali (semplici) ta' droga eroina, dwar liema huwa inghata minn liberazzjoni kundizzjonata (f'erba' okkazzjonijiet) sa pieni pekunjarji (f'erba' okkazzjonijiet) u sentenzi ta' prigunerija effettiva (f'sitt okkazzjonijiet).

Qieset ukoll illi l-imputat traffika d-droga eroina billi prokura qartas eroina lil Christie u mill-provi prodotti, jirrizulta illi dan ghamlu f'okkazzjoni wahda.

Fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d), il-Qorti applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fir-rigward tal-piena pekunjarja applikabbli tassattivament fir-rigward tal-imputazzjoni (a) u fir-rigward tal-piena pekunjarja li ser tapplika fir-rigward taz-zewg imputazzjonijiet l-ohrajn. Il-Qorti m'hijiex qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c) u dan stante illi kif inghad izjed 'il fuq, jirrizulta illi l-jum li fih l-imputat provda l-eroina lil Christie ma kienx l-unika jum li fih huwa kien fil-pussess tal-eroina. Ghaldaqstant, ir-reat

[29] A fol. 171 *et seq* tal-process.

ikkontemplat fl-imputazzjoni (c) ma jistax jigi meqjus bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fl-imputazzjoni (a).

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(f) u 225 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni (b) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt li qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) u qed tikkundannah, fir-rigward tal-imputazzjonijiet (a) u (c), ghal piena ta' **hdax-il xahar prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni biss mar-reati li hawn instab hati taghhom – u **multa ta' disa' mija u hamsin Euro (€950)**.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (d) u dwar ir-reat mertu tas-sentenza datata 8 ta' Gunju 2004, moghtija minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintanto fil-konfront tal-imputat, il-Qorti qed titratta mal-hati dwar l-imputazzjoni li dwarha huwa kien instab hati permezz ta' dik is-sentenza daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni u fil-waqt li ghal kull buon fini qeghda tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imputazzjoni mertu ta' dik is-sentenza, wara li rat l-Artikolu 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikolu 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 8 (illum 9) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(f) tal-Kap. 9, tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' tlett mitt Euro (€300)**.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-multa ossia l-ammont totali ta' elf, mitejn u hamsin Euro (€1,250) tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien

xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda b'din is-sentenza tigi erogata u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din il-data mal-awtoritajiet tal-habs. Pero` jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Il-Qorti m'hijiex qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante illi dan il-kaz jirrisali ghat-13 ta' Jannar 2005 u allura qabel id-dhul fis-sehh tal-Att XIII tas-sena 2005 li emenda l-imsemmi Artikolu 533[30] u stante illi l-esperti kollha li rrelataw f'dan il-kaz, gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta. In oltre it-tieni relazzjoni esebita mill-espert Dr. Martin Bajada f'dawn il-proceduri, fuq estensjoni tal-inkarigu lilu moghti fl-istadju tal-inkjesta, m'hijiex relevanti ghal fini tal-imputazzjonijiet li dwarhom instabet htija permezz ta' din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, li jinsabu esebiti bhala Dokument MM2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

[30] L-imsemmi Att gie fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 286 tas-sena 2005, fil-15 ta' Awwissu 2005.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------